MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1199/2013

**Il-Pulizija**
**L-Ufficcjal Principali ta' l-Imigrazzjoni**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Mohamed Abdulelalim Abdulelhafir**

**Illum 3 ta' Dicembru, 2013.**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kif migjuba kontra:

**Mohamed Abdulelalim Abdulelhafir,** ta' 38 sena, iben Abdulelalim u Hamda Ali, imwieled Iraq nhar l-10 ta' Jannar, 1975 bla indirizz fis, detentur ta' karta ta' l-identita` Maltija nur. 39802 A;

Huwa akkuzat talli fl-20 ta’ Novembru, 2013 ghall-habta tas-2.30 p.m., gewwa l-Misrah Santa Marija, Zurrieq:

1. ikkommettejt serq ta’ gizirana b’ pendent, ilkoll tad-deheb, minn fuq il-persuna ta’ Paola Abela ta’ 77 sena, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn mija u disa` w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-dannu ta’ l-istess Paola Abela u/jew ta’ persuna/persuni ohra;

2. Aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Paola Abela kontra l-volonta` taghha;

3. W aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t’ arma tan-nar jew imitazzjoni t’ arma regolari;

4. Aktar, talli garr ‘il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta` jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

Talli fid-29 ta’ Ottubru, 2013, ghall-habta tas-6.20p.m., gewwa il-Knisja ta’ San Gorg Preca fi Triq il-Kanonku Bonnici l-Hamrun:

5. Ikkommettejrt serq ta’ gizirana b’ domna, ilkoll tad-deheb, minn fuq il-persuna ta’ Agnes Monseigneur, ta’ 73 sena, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn mija u disa` w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-dannu ta’ l-istess Agnes Monseogneur u/jew ta’ persuna/persuni ohra;

Talli fis-16 ta’ Novembru, 2013, ghall-habta tas-7p.m., fi Triq San Xmun, Fgura:

6. Ikkommettejt serq ta’ gizirana tal-fidda minn fuq il-persuna ta’ Miriam Facciol, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, u li sar ghad-dannu ta’ l-istess Miriam Facciol u/jew ta’ persuna/persuni ohra;

Talli fis-17 ta’ Novembru, 2013, ghall-habta ta’ l-4p.m., Fuq Verdala, Bormla:

7. Ikkommettejt serq ta’ gojjellerija minn fuq il-persuna ta’ Maria Cutajar, liema serq sar ghad-detriment ta’ l-istess Maria Cutajar u/jew ta’ persuna/persuni ohra;
Talli nhar it-18 ta’ Novembru, 2013 ghall-habta tas-6,10p.m., hdejn id-Dar ta’ l-Anzjani fi Triq id-Dahla ta’ San Tumas, Zejtun:

8. Ikkommettejt serq ta’ pendent tad-deheb minn fuq il-persuna ta’ Carmela Mifsud, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn mija u disa` w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-detriment ta’ l-istess Carmela Mifsud u/jew ta’ persuna/persuni ohra;
Talli nhar il-21 ta’ Novembru, 2013, ghall-habta tat-3.30 p.m., fi Triq il-Kurunell Mas, Tarxien:

9. Ikkommettejt serq ta’ gojjellerija minn fuq il-persuna ta’ Grazia Scerri, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn mija u disa` w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-detriment ta’ l-istess Grazia Scerri u/jew ta’ persuna/persuni ohra;

Talli fl-24 ta’ Novembru, 2013, ghall-habta tas-7.15p.m., fi Triq it-Taghlim, Fgura:

10. Bil-hsieb li taghmel delitt ta’ serq minn fuq il-persuna ta’ Giacinta Borg, wrejt dan il-hsieb b-atti esterni w ta’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` ta’ l-imputat u li kieku gie esegwit kien ikun serq kkwalifikat bil-hin u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn mija u disa` w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu

(€2329.37), u li sar ghad-dannu ta’ l-istess Giacinta Borg u/jew ta’ persuna/persuni ohra;

Talli fil-25 ta’ Novembru, 2013, ghall-habta tat-3 p.m., fi Triq Fuq tal-Hawli, Birgu:

11. Ikkommettejt serq ta’ gojjellerija minn fuq il-persuna ta’ Joanne Falzon, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn mija u disa` w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-detriment ta’ l-istess Joanne Falzon u/jew ta’ persuna/persuni ohra;

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-akkuzat u l-iskuzi tieghu lill-kull min idderuba;

Fehmet ic-cirkostanzi ta’ l-akkuzat, partikolarment id-dipendenza tieghu fuq drogi u l-fedina penali netta tieghu.

Fehmet wkoll illi l-akkuzat ikkoopera bi shih mal-Pulizija u jinhtieglu l-kura sabiex jigi kkurat mid-dipendenza li ghandu.

Il-Qorti tosserva wkoll li l-akkuzi u r-reati huma serji partikolarment minhabba fl-eta tal-persuni li gew derubati, ilkoll anzjani salv wiehed.

Il-Qorti ghalhekk issib lill-akkuzat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu tikkundannah piena ta’ prigunerija ta’ tlett snin u tordna lill-Awtoritatjiet kompetenti sabiex f’ tali perjodu jaghtu lill-hati l-kura kollha mehtiega biex jeghleb id-dipendenzi tal-Qorti.

Il-Qorti tosserva wkoll li l-akkuzat fil-prezent gia qieghed l-Isptar Monte Carmeli u ghalhekk tistieden lill-Awtoritajiet kompetenti sabiex minnufih jerga jittiehed hemmhekk fil-Forensic Ward.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------